



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 18 ta' Frar 2013 (19.02)
(OR. en)**

6207/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0262 (NLE)**

**JUSTCIV 23
ATO 18**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Coreper / Kunsill
Nru dok. preċ.:	6179/13 JUSTCIV 21 ATO 15
Nru dok. Cion:	14364/12 JUSTCIV 296 ATO 133
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-responsabbiltà ċivili għad-danni nukleari tal-21 ta' Mejju 1963 ("il-Konvenzjoni ta' Vjenna") biex, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, jirratifikaw il-protokoll li jemenda lil dik il-konvenzjoni jew jissieħbu miegħu - Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Settembru 2012 il-Kummissjoni ressqet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-responsabbiltà ċivili għad-danni nukleari tal-21 ta' Mejju 1963 ("il-Konvenzjoni ta' Vjenna") biex, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, jirratifikaw il-protokoll li jemenda lil dik il-konvenzjoni jew jissieħbu miegħu (minn hawn 'il quddiem "il-proposta").

II. EŻAMI TAL-PROPOSTA

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tad-19 ta' Ottubru u l-20 ta' Diċembru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013.
3. Fil-31 ta' Jannar 2013, fl-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali), il-Presidenza għamlet suġġerimenti bil-ħsieb li tintlaħaq aċċettazzjoni ġenerali tal-proposta. Kien hemm kunsens ġenerali,¹ soġġett għal xi riżervi ta' skrutinju. Minn dak iż-żmien ir-riżervi ta' skrutinju ġew irtirati.
4. F'dik il-laqgħa ġie rrimarkat li d-dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Istati Membri indizzati mill-proposta toħloq nuqqas ta' uniformità fost l-Istati Membri fir-rigward tar-regoli li jħaddmu l-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji relatati ma' dannu nukleari. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li saru waqt u wara l-laqgħa msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qablet li tikkunsidra l-estensjoni tas-soluzzjoni mniżżla fil-proposta, li tikkonsisti minn dikjarazzjoni li tagħti preċedenza lir-regoli tal-Unjoni, għall-Istati Membri li rratifikaw il-Protokoll tal-1997 qabel l-adezzjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi².
5. Ir-Renju Unit u l-Irlanda, li għalihom japplika l-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
6. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ Ara 6179/13 JUSTCIV 21 ATO 15.

² Il-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar ir-Responsabbiltà tat-Terza Parti fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari tad-29 ta' Lulju 1960.

III. KONKLUŻJONI

7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden sabiex:

- (a) jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex jirratifikaw il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963, jew biex jissieħbu miegħu, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, kif jinsab fid-dokument 6206/13 JUSTCIV 22 ATO 17¹;
- (b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew, biex jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

¹ Test rivedut mill-ġuristi lingwisti.